MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Appell Civili Numru. 14/2012/1

**Nicholas Cutajar**
***v.***
**Mark Portelli personalment kif ukoll bħala *chairman* u in rappreżentanza tal-Awtorità dwar Portijiet Ħielsa u tal-*Malta Freeport Corporation Limited*; u b'nota tat-3 ta' Ottubru 2013 l-A.I.Ċ. Robert Sareso bħala *chairman* tas-soċjetà *Malta Freeport Corporation Limited* assuma l-atti f'isem l-istess soċjetà**

1. Dan huwa appell tal-attur Nicholas Cutajar minn sentenza mogħtija fil-21 ta' Frar 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha. L-attur

kien talab rimedju għax qal illi bl-għemil tagħhom il-konvenuti kisru l-jeddijiet tiegħu mħarsa taħt l-art. 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u taħt l-artt. 3, 10 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]. L-ewwel qorti bis-sentenza li minnha sar dan l-appell ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju għax laqgħet (a) l-eċċezzjoni illi l-konvenut Mark Portelli *proprio* ma huwiex kontradittur leġittimu u laqgħet ukoll (b) l-eċċezzjoni illi l-attur ma nqediex bir-rimedji li tagħti il-liġi ordinarja qabel ma fittex rimedju taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni.

2. L-ewwel qorti fissret hekk it-talbiet tal-attur, il-fatti tal-każ, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u r-raġunijiet li wassluha biex tilqa' dawk l-eċċezzjonijiet:

"Din is-sentenza titratta l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati li jaqraw hekk:-

"1. Preliminarjament, illi l-intimat Mark Portelli personalment għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* illi kawża kostituzzjonali tista' ssir biss kontra l-Gvern jew organu tiegħu;

"2. Preliminarjament ukoll, illi l-proċeduri odjerni huma nulli u vessatorji billi ma ġewx eżawriti l-proċeduri ordinarji; fil-fatt, jidher illi din il-kawża u t-talbiet kif dedotti fiha huma ta' natura ċivili u għalhekk kompetenza tal-qrati ordinarji u mhux ta' natura kostituzzjonali.

"Permezz ta' rikors preżentat fis-6 ta' Marzu 2012 ir-rikorrent ippremetta li:-

"Kien impjegat mal-*Malta Freeport Authority* bħala *manager*. Fis-sena 2006 il-grad ta' *senior manager* kien vakant, u bi dritt l-esponent kellu jingħata l-kariga minħabba l-esperjenza li kellu.

"Madankollu ċertu Ernest Tonna, dak iż-żmien *manager* fl-istess Awtorità, ħoloq akkuża serja fuq ir-rikorrent billi akkużah li pprokura dokumenti foloz biex jinħażen materjal perikoluż u, li kieku ma kienx għall-intervent tal-uffiċċjal inkarigat mis-sigurtà fil-*Freeport*, dan kien jikkawża ħsarat kbar b'dannu għall-Awtorità.

"Inbdiet investigazzjoni, li sussegwentement irriżulta li kienet falza.

"Ir-rikorrent għamel kwerela u talab li jittieħdu passi kriminali kontra Tonna fuq inġurja u malafama. Kellu wkoll il-ħsieb li jagħmel kawża ċivili kontra Tonna.

"Meta bdiet tittieħed azzjoni mill-pulizija, iċ-*chairman* tal-Awtorità, l-intimat Portelli, heddu, irrikattah u b'abbuż ta' poter, għamel pressjoni fuq ir-rikorrent biex jirtira l-każ kontra Tonna.

"Ir-rikorrent żamm il-pożizzjoni, u ċ-*chairman* ordna li jinbdew proċeduri dixxiplinari sabiex ir-rikorrent jitkeċċa. *Inoltre*, mingħajr ebda sejħa interna għall-applikazzjonijiet kif suppost kellu jsir, iċ-*chairman* qabad u appunta lil Ernest Tonna *senior manager* filwaqt li r-rikorrent spiċċa subaltern ta' Tonna.

"Minhaba l-aġir taċ-*chairman*, ir-rikorrent ma kellux mod ieħor x'jagħmel ħlief li ma jkomplix jinsisti bl-azzjoni permezz tal-pulizija, u għalhekk abbanduna l-azzjoni ċivili.

"Minn dak iż-żmien sakemm irtira fl-10 ta' Novembru 2011, ir-rikorrent baqa' jiġi assoġġettat għal vendikazzjonijiet, inġustizzji ripetuti u vittimizzazzjoni kontinwa.

"B'riżultat tal-aġir taċ-*chairman* u l-inġurja li saret lir-rikorrent, ġie mtellef milli jieħu l-promozzjoni għall-kariga ta' *senior manager*, li kellu dritt għaliha.

"Meta rtira bl-età saret reżistenza qawwija biex ma jingħatax it-*termination bonus*. Iktar tard tali ħlas ġie kkundizzjonat li jiffirma dikjarazzjoni li m'għad għandu l-ebda pretensjoni kontra l-Awtorità. Din id-darba rrifjuta li jċedi għar-rikatt u għażel li jagħmel kawża kostituzzjonali. Uħud minn dawk li spiċċaw l-impjieg irċevew dan il-*bonus* bla diffikultà, u pagamenti fuq bażi personali.

"L-aġir taċ-*chairman* tal-Awtorità, li jikkonsisti f'sofferenza jew tbatija gravi mentali bażata fuq diskriminazzjoni, jammonta għal reat kriminali kif kontemplat fl-artikolu 139A(*d*) tal-Kodiċi Kriminali.

"L-aġir taċ-*chairman* jammonta wkoll għal trattament inuman u degradanti (artikolu 3 tal-Konvenzjoni), u diskriminatorju (artikolu 14 tal-Konvenzjoni u artikolu 45 tal-Kostituzzjoni).

"L-aġir taċ-*chairman* jivvjola wkoll id-dritt tar-rikorrent għall-libertà ta' espressjoni garantita blartikolu 10 tal-Konvenzjoni, u d-dritt għar-reputazzjoni tajba. Dan peress

li r-rikorrent ġie mġiegħel jissospendi jew iwaqqaf il-kwerela kriminali taħt minaċċja li ser jitkeċċa mix-xogħol.
"Għalhekk ir-rikorrent jitlob lill-qorti:-
"1. Tiddikjara li l-intimati kisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hawn fuq imsemmija, jiġifieri l-artikoli 3, 10 u 14 tal-Konvenzjoni (Kap. 319) u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
"2. Tordna l-ħlas tat-*termination bonus*;
"3. Tordna lill-Awtorità tagħtih il-kariga ta' *senior manager* b'effett mill-1 ta' Lulju 2006 u tordna l-ħlas ta' dak kollu dovut fl-imsemmija kariga sad-data tal-irtirar mill-impjieg;
"4. Tillikwida l-kumpens xieraq li għandu jitħallas għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali;
"5. Tikkundanna lill-intimati biex iħallsuh is-somma hekk likwidata.
"Fil-qosor il-fatti kif rakkontati fir-rikors promotur huma:-
"i. Ir-rikorrent kien impjegat bħala *manager* mal-*Malta Freeport*;
"ii. Fl-2006 kellu jimtela l-grad ta' *senior manager*;
"iii. *Manager* ieħor, Ernest Tonna, kien akkuża lir-rikorrent mas-superjuri tiegħu li kien ipprokura dokumenti foloz biex jinħażen materjal perikoluż;
"iv. Saret investigazzjoni u rriżulta li l-akkuża kienet falza;
"v. Ir-rikorrent għamel kwerela kontra Tonna għal malafama u inġurja;
"vi. Meta nbdew il-proċeduri, Mark Portelli bħala *chairman* tal-*Freeport* kien irrikattah u heddu u għamillu pressjoni biex jirtira r-rapport kontra Tonna. Però r-rikorrenti żamm il-pożizzjoni tiegħu;
"vii. Iċ-*chairman* tal-*Freeport* kien ordna li jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent sabiex jiġi tterminat l-impjieg tiegħu. *Inoltre*, iċ-*chairman* ma għamilx sejħa interna u qabad u ħatar lil Ernest Tonna bħala *senior manager*;
"viii. Fiċ-ċirkostanzi r-rikorrent rrinunzja għall-proċeduri kontra Tonna;
"ix. Ir-rikorrent irtira bl-età fl-10 ta' Novembru 2011 u baqa' jiġi assoġġettat għal vendikazzjonijiet, inġustizzji ripetuti u vittimazzjonijiet;

"x. L-aġir illegali taċ-*chairman* wassal sabiex ir-rikorrent ma ngħatax il-promozzjoni, meta hu kien *senior* ta' Tonna;
"xi. Mat-terminazzjoni tal-impjieg ma ngħatax it-*termination bonus* għaliex il-prinċipal riedu jiffirma dikjarazzjoni li m'għad għandu l-ebda pretensjoni kontra l-*Malta Freeport*. Però r-rikorrent irrifjuta li jiffirma r-rikors [*sic*];
"xii. Impjegati oħra ngħataw it-*termination bonus*.
"Ir-rikorrent jilmenta minn:-
"i. Trattament inuman u degradanti (artikolu 3 tal-Konvenzjoni);
"ii. Diskriminazzjoni (artikolu 14 tal-Konvenzjoni u 45 tal-Kostituzzjoni);
"iii. Vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent għal-libertà ta' espressjoni (artikolu 10 tal-Konvenzjoni).
"<u>Mark Portelli m'huwiex leġittimu kontradittur għaliex kawża ta' din ix-xorta tista' ssir biss kontra l-istat jew organu tiegħu</u>
"Ir-rikorrent qiegħed jilmenta li Mark Portelli, bl-allegat aġir tiegħu, kiser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti mill-artikolu 3, 14 u 10 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.
"Normalment f'kawżi ta' din ix-xorta l-ilment ikun ta' individwu kontra l-Istat li:-
"i. vvjola d-drittijiet tiegħu, għaliex aġent tal-Istat għamel xi ħaġa ħażina (eżempju: uffiċjal tal-pulizija li ċaħħad persuna mil-libertà bla ebda raġuni);
"ii. Indirettament ivvjola id-drittijiet, għaliex terza persuna, per eżempju, invada l-privatezza tal-individwu. L-ilment f'dawn it-tip ta' każijiet ma jkunx li t-terz ikkommetta att ta' illegalità, iżda li l-Istat m'għandux liġi li tagħmel l-att illegali jew li tipprovdi rimedju lil kull min isofri preġudizzju minħabba tali att.
"Hemm imbagħad il-kunċett ta' *Drittwirkung* … … …
"… … …
"F'dan il-kuntest bħala kunċett jidher li fil-każ ta':-
"i. *Direct horizontal effect*, individwu jista' jagħmel il-kawża minħabba li individwu ieħor kisirlu d-dritt fundamentali. Il-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali hi fiha nnifisha suffiċjenti biex tagħti lok għall-kawża;
"ii. *Indirect horizontal effect*, l-individwu sabiex iressaq l-ilment jrid jargumenta li l-parti l-oħra kisret obbligazzjoni

li toħroġ mid-dritt privat, u l-pretensjoni hi msaħħa b'argument li l-obbligazzjoni għandha tiġi interpretata b'tali mod li hu kompatibbli mad-drittijiet fundamentali.

"Meqjus l-awtonomija tal-privat din il-qorti tippreferi t-tieni kunċett, fejn id-drittijiet fundamentali m'humiex il-bażi tal-pretensjoni iżda jingħata effett indirett fil-proċeduri bażati fuq il-liġi privata. Eżempju fejn dan iseħħ hu kawżi ta' libelli, fejn l-Istat m'huwiex parti għall-proċeduri, il-qrati lokali ripetutament għamlu riferenza għad-dritt tal-libertà ta' espressjoni garantit taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea … ... ..

"Il-qorti ma tarax diffikultà li f'kawżżi bejn il-privat jiġu invokati provvedimenti mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani, li wara kollox bl-Att XIV tal-1987, illum Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, partijiet sostanzjali minnha saru parti mill-ordinament Malti. Dan ifisser li l-qrati jkunu qegħdin iqisu l-provvedimenti meta jkollhom quddiemhom kwistjonijiet ta' natura privata. … … ...

"<u>Eżawriment ta' rimedji ordinarji</u>

"Ir-regola hi li proċeduri bħal dan il-każ m'għandhomx jiġu proposti fejn ir-rikorrent ikollu rimedju ieħor għall-ilment taħt xi liġi ordinarja oħra.

"… … …

"Mir-rikors promotur hu evidenti li b'dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed ifittex biex:-

"i. Jingħata t-*termination bonus* li jsostni li hu intitolat għalih, min-kejja li l-intimati qalu li ma jeżisti l-ebda dritt simili fil-liġi u lanqas fil-kuntratt ta' impjieg;

"ii. Jiġi dikjarat li l-kariga ta' *senior manager* kellha tingħata lilu bi dritt u jingħata l-arretrati ta' dak li kien intitolat għalih kieku ngħata l-kariga;

"iii. Jitħallas danni minħabba l-aġir taċ-*chairman*. Rajna kif ir-rikorrent qiegħed jallega li dan l-uffiċjal heddu u irrikattah. Sahanistra invoka wkoll l-artikolu 139A tal-Kodiċi Kriminali u jsostni li l-aġir tal-intimat jesponih għal proċeduri kriminali. Aġir li jekk hu minnu jissarraf fi ksur tal-liġijiet ordinarji tal-pajjiż.

"Il-qorti m'għandhiex dubju li jeżisti rimedju ċivili għal dawn l-ilmenti tar-rikorrent. Hekk per eżempju f'każ ta' ksur ta' liġi, il-vittma għandu kull jedd li jfittex għad-danni taht il-provvedimenti li għandna fil-Kodiċi Ċivili li jitrattaw "Id-Delitti u Kważi Delitti". Fejn impjegat irid jikkontesta

promozzjoni li tkun ingħatat lill-kollega tiegħu għaliex isostni li kellu jingħata l-opportunità li jikkonkorri għal tali promozzjoni jew li l-promozzjoni kellha tingħata lilu, jeżisti rimedju ċivili. L-istess fejn jallega li kien hemm diskriminazzjoni fl-għoti ta' promozzjoni (ara l-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali – Kap. 452).

"Dan kollu qiegħed jingħad bla preġudizzju dwar jekk l-ilmenti li għamel ir-rikorrent jinkwadrawx ruħhom fil-provvedimenti tal-Konvenzjoni. Hekk per ezempju r-rikorrent jilmenta minn diskriminazzjoni u jsostni li kien hemm ksur:-

"(a) tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni:-

""The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status".

"Madankollu:

"i. Jonqos milli jsemmi ma' liema provvediment tal-Konvenzjoni qiegħed jabbina l-ilment ta' diskriminazzjoni. Fl-istess ħin, min-nota ulterjuri li ppreżenta fit-12 ta' Lulju 2012, jidher li qiegħed jeskludi li dan kien każ ta' diskriminazzjoni politika;

"ii. Ma jagħti l-ebda tagħrif dwar ir-raguni ('*ground*') tal-allegata diskriminazzjoni.

"(b) tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, iżda ma jsemmix ir-raġuni tal-allegata diskriminazzjoni. Mill-provvediment hu evidenti li l-Kostituzzjoni tikkontempla diskriminazzjoni f'każ ta' trattament differenti "… attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess …".

"Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi billi:-

"1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tillibera lil Mark Portelli mill-osservanza tal-ġudizzju;

"2. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni u tillibera lill-intimati l-oħra mill-osservanza tal-ġudizzju.

"Spejjeż a karigu tar-rikorrenti."

3. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Frar 2013 u l-konvenuti wieġbu fis-7 ta' Marzu 2013.

Waqt is-smigħ tat-3 ta’ Ottubru 2013 l-attur għarraf lill-qorti illi kien tħallas it-*termination bonus*.

4. L-attur fisser l-aggravju dwar l-ewwel eċċezzjoni hekk:

“… Mark Portelli jokkupa l-kariga ta’ *chairman* tal-*Malta Freeport Authority* (l-Awtorità dwar Portijiet Ħielsa). Huwa jokkupa wkoll il-kariga ta’ *chairman* tal-*Malta Freeport Corporation Limited*. Minn dan jitnisslu żewġ konklużjonijiet:

“a) illi l-*Malta Freeport Authority* hija awtorità pubblika u l-*Malta Freeport Corporation Limited* hija wkoll entità pubblika;

“b) illi ċ-*chairman* tagħha huwa *state agent.* Bħala tali, Mark Portelli huwa azzjonabbli personalment.

“Illi kull persuna li tkun tokkupa kariga fit-tmexxija ta' awtorità pubblika hija *state agent.*

“… l-ewwel qorti kienet żbaljata meta qieset lil Mark Portelli personalment bħala individwu privat. Mark Portelli ġie mħarrek personalment iżda assolutament m’huwiex persuna privata *stante* li għandu kariga pubblika.”

5. Wara li jsemmi s-sentenzi ta’ din il-qorti fil-kawżi fl-ismijiet <u>Anthony Mifsud *v.* Sovrintendent Carmelo Bonello</u>[1] u <u>Tonio Vella *v.* Kummissarju tal-Pulizija *et*</u>[2] l-attur ikompli jgħid hekk:

“Bħalma Carmelo Bonello. Joseph Psaila u Dr Lawrence Pullicino ma kinux persuni privati iżda kienu persuni jokkupaw kariga pubblika, hekk ukoll Mark Portelli ma kienx persuna privata iżda kien persuna jokkupa kariga pubblika. Dawn huma kollha kemm huma azzjonabbli bħala *state agents.* Jibqgħu jitqiesu bħala *state agents* anke meta jispiċċaw mill-kariga.

“Minflok. l-ewwel qorti daħlet f’dibattitu dwar l-effett orizzontali, li ma kienx floku f’dina l-kawża. Il-mod kif irraġunat l-ewwel qorti, iċ-*chairman* personalment huwa kopert b’xi immunità f’dak li jaghmel personali għaliex għall-għemil tiegħu jirrispondi u jidħol responsabbli l-istat. Dan minkejja li hu *state agent.*

---

[1] Kost. 18 ta’ Settembru 2009.

[2] Kost. 5 ta’ April 1991 u 28 ta’ Frar 1994.

"… … …

"Din mhix xi "kawża bejn il-privat" kif fehmitha l-ewwel qorti, iżda azzjoni għal dikjarazzjoni dwar il-ksur ta' drittijiet fondamentali minn persuna b'kariga pubblika, *cioè* Mark Portelli.

"Għaldaqstant, Mark Portelli ġie mħarrek personalment korrettement *stante* li kien *stale agent* li abbuża mill-poteri tiegħu u ħaqar lir-rikorrent. Il-"privat" ma jidħol xejn f'din il-kawża li hija purament azzjoni minn persuna li qed tgħid li sfat vittma ta' ksur ta' drittijiet fondamentali tagħha minn persuna b'kariga pubblika jew *state agent.* Bħalma Carmelo Bonello. Joseph Psaila u Dr Lawrence Pullicino kienu azzjonabbli personalment minħabba li l-atti illegali twettqu minnhom meta kienu għadhom *state agents,* hekk ukoll Mark Portelli huwa azzjonabbli personalment minħabba li l-atti illegali twettqu minnu fiż-żmien meta kien (u għadu) *state agent.*

"Għalhekk. l-ewwel eċċezzjoni ma kellhiex tiġi milqugħa."

6. Is-sottomissjonijiet tal-attur, aktar milli argumenti legali, huma asserzjonijiet dommatiċi bla ebda bażi li tiġġustifikahom. L-asserzjoni li kull min "għandu kariga pubblika" għandu jitqies li huwa "*state agent*" u għalhekk "huwa azzjonabbli personalment" b'azzjoni kostituzzjonali tfisser illi kull meta ssir kawża kostituzzjonali kontra l-gvern li, kif igħid u jrid l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jidher għalih kap ta' dipartiment jew l-Avukat Ġenerali, mela dak il-kap ta' dipartiment jew l-Avukat Ġenerali, għax "għandu kariga pubblika" għandu jitqies li huwa "*state agent*" u għalhekk "huwa azzjonabbli personalment" b'azzjoni kostituzzjonali, li manifestament ma huwiex il-każ. Wara kollox il-gvern u l-entijiet tiegħu, bħal kull korp morali, dak li jagħmlu jagħmluh dejjem b'aġenzija umana, iżda xorta jibqa' jitqies bħala għemil tal-gvern jew tal-korp li jkun, u jwieġeb għalih il-gvern jew il-korp li jkun.

7. Dan ma jfissirx illi l-persuni individwali igawdu xi "immunità", kif igħid l-attur, jew ma jweġbux għall-għemil tagħhom jekk ikun bi ksur tal-liġi, iżda jissejħu biex iwieġbu għal għemilhom mhux b'azzjoni kostituzzjonali iżda b'azzjoni ċivili jew penali taħt il-liġi ordinarja, interpretata, jekk ikun il-każ, b'mod konformi mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, u

kif sewwa osserva, wara kollox, l-attur stess meta qal illi l-għemil tal-konvenut *proprio* – dejjem jekk issir il-prova li trid il-liġi – huwa bi ksur tal-art. 139A(*d*) tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk minn dak il-ksur titnissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili, kif igħid u jrid l-art. 3(1) tal-istess Kodiċi.

8. Jista' jkun il-każ illi f'azzjoni "mista" funzjonarji tal-istat ikunu mħarrka personalment biex iwieġbu għad-danni ċivili fi proċeduri kostituzzjonali sabiex ikunu evitati proċeduri doppji, iżda dan jista' jseħħ meta n-natura tal-azzjoni tkun b'mod preponderanti kostituzzjonali u mhux meta, bħal fil-każ tallum u għar-raġuni li tingħata aktar 'il quddiem fil-paragrafi li ġejjin immedjatament wara dan, in-natura tal-azzjoni hija esklużivament civili.

9. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

10. L-attur ifisser it-tieni aggravju hekk:

"… l-ewwel qorti invertiet l-objettiv ta' dina l-kawża kostituzzjonali. Il-kawża ġiet ippreżentata bħala azzjoni kostituzzjonali proprju ghaliex ir-rikorrent irid jikseb dikjarazzjoni li hu kien vittma ta vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tiegħu.

"L-ewwel qorti ma seta' jiġiha l-ebda dubju illi dikjarazzjoni li r-rikorrent kien vittma ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tiegħu setgħet tinkiseb biss minn organu kostituzzjonali, *cioè* l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali. Bosta drabi dan il-prinċipju ġie assodat b'sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali stess.

"L-għan jew objettiv ewlieni u primarju tal-azzjoni kostituzzjonali istitwita mir-rikorrent kien proprju dan. B'danakollu, il-fatt li wħud mir-rimedji sussidjarji mitluba mir-rikorrent huma ta' indoli ċivili ma kienx jintitola lill-ewwel qorti li tirrendi l-kawża odjerna waħda li l-għan tagħha huwa l-inforzar ta' dritt ċivili.

"L-ewwel qorti invertiet l-objettiv ta' din il-kawża meta rrimarkat illi mir-rikors promotur hu evidenti li b'dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed ifittex biex (i) jingħata t-*termination bonus*, (ii) jingħata l-kariga ta' *senior manager*, (iii) jitħallas danni għall-aġir taċ-*chairman*. Iżda l-għan ewlieni tal-kawża hu l-ksib ta' dikjarazzjoni dwar leżjoni ta' drittijiet fondamentali. L-affarijiet l-oħra huma sussidjarji u konsegwenzjali.

"Kienet ben konxja l-ewwel qorti illi r-rikorrent ma setax jottjeni dikjarazzjoni dwar il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tiegħu ħlief minn qorti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Għalhekk, huwa assolutissimament irrilevanti illi jingħad illi "l-qorti m'għandhiex dubju li jeżisti rimedju ċivili għal dawn l-ilmenti tar-rikorrent". Anzi, din l-asserzjoni hija żbaljata. Ir-rimedji li qed jitlob ir-rikorrent m'humiex rimedji ċivili. Wisq inqas huma "ċivili" l-ilmenti tiegħu f dina l-kawża.

"Jekk rikorrent jistitwixxi kawża għall-finijiet u fit-termini preċiżi tal-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319, dak il-proċediment ma tistax xi qorti tirrendih kawża ta' dritt ċivili. Il-linja korretta hija li titmexxa 'l quddiem l-azzjoni kostituzzjonali għall-otteniment tar-rimedji mitluba (dikjarazzjoni ta' natura kostituzzjonali). Wara kollox, hija l-Kostituzzjoni stess li tipprovdi -

""46. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartkoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha … tista', *bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju***.**"

"Għalhekk, il-Kostituzzjoni stess tippermetti li ssir azzjoni kostituzzjonali għall-ksib ta' dan it-tip ta' rimedju partikolari "bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment".

*"Se mai*. l-iktar li jista' jsir hu li jkun hemm soprasessjoni fl-azzjoni kostituzzjonali … sabiex ir-rikorrent jingħata l-opportunità li jadixxi f'sede ordinarja, bla ma jitlef xejn mir-rimedju kostituzzjonali mfittex minnu. Iżda l-proċediment kostituzzjonali ma jistax jitwarrab jew jiġi mitmum mill-qorti, kif għamlet l-ewwel qorti minħabba li "m'għandhiex dubju li jeżisti rimedju ċivili". Dan mhux konsentit li jsir u l-ewwel qorti ma setgħetx tagħmlu."

11. Fil-verità, huwa l-attur li "inverta l-objettiv" tal-kawża, għax flok ifittex, fil-*forum* xieraq għal hekk, rimedji għal dawk li huma drittijiet ċivili, qiegħed ifittex li jdendel it-talba għal dawk ir-rimedji ma' talba għal rimedju kostituzzjonali li ma huwiex meħtieġ għax il-proċeduri ċivili ordinarji jistgħu jagħtuh ir-rimedji kollha meħtieġa għad-drittijiet jew pretensjonijiet tiegħu.

12. L-attur jiċċita l-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni iżda jinsa jsemmi wkoll il-*proviso* għall-art. 46(2) u l-*proviso* għall-art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja bħallikieku dawn ma humiex ukoll parti mil-liġi. L-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni msemmi mill-attur (u d-disposizzjoni analoga tal-art. 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja) iħalli t-triq miftuħa biex jinkiseb rimedju ċivili mingħand il-qorti ordinarja għax il-qorti b'kompetenza kostituzzjonali ma tagħtix dak ir-rimedju; ma jfissirx, iżda, illi tista' ssir kawża kostituzzjonali wkoll meta l-kawża ċivili tista' weħedha tagħti r-rimedji kollha meħtieġa – anzi, il-*proviso* għall-art. 46(2) jgħid speċifikament li ma għandhiex titħalla li titkompla l-kawża kostituzzjonali meta "hemm mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat".

13. Huwa ovvju, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, illi r-rimedji kollha li jrid l-attur – ir-rimedju ċivili mnissel mir-reat, il-ħlas ta' *termination bonus*, l-għoti tal-ħatra ta' *senior manager*, il-ħlas tad-differenza fil-paga, dejjem jekk huma mistħoqqa – jista' jiksibhom b'azzjoni ċivili, u huwa daqstant ieħor ovvju illi l-kawża ngħatat libsa kostituzzjonali għal għanijiet biss ta' drammatiċità, b'abbuż serju tal-proċess ġudizzjarju kostituzzjonali.

14. Għal dawn ir-raġunijiet it-tieni aggravju wkoll huwa miċħud.

15. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma f'kollox is-sentenza li minnha sar l-appell.

16. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, iħallashom l-attur appellant. Ukoll, billi hija tal-fehma illi l-appell huwa wieħed fieragħ, il-qorti, wara li rat il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-attur appellant iħallas lir-reġistratur spejjeż addizzjonali ta' sitt mitt euro (€600).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------